KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell, 3.7.2008
SEC(2008) 2175

DOKUMENT TA' ĦIDMA TA' L-ISTAFF TAL-KUMMISSJONI

li jakkumpanja

Proposta għal

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar il-mobbiltà ta' voluntieri żgħażagħ fl-Ewropa

SOMMARJU TA' L-ISTIMA TA' L-IMPATT

{COM(2008) 424}
{SEC(2008) 2174}

SOMMARJU EŻEKUTTIV

Il-mobbiltà tal-voluntieri żgħażagħ minn pajjiż għall-ieħor fl-Unjoni Ewropea hija baxxa. Iż-żgħażagħ li jixtiequ jagħmlu volontarjat barra minn pajjiżhom fl-Ewropa ma għandhomx biżżejjed opportunitajiet.

Din hi r-raġuni għall-inizjattiva proposta li timmira li ttejjeb il-mobbiltà tal-voluntieri żgħażagħ madwar l-Ewropa kollha. L-effetti anċillari pożittivi jkunu: iktar opportunitajiet għal edukazzjoni mhux formali u żieda fl-impjegabilità, il-kompetittività, l-inklużjoni soċjali u ċ-ċittadinanza. Din l-inizjattiva tikkonċerna ż-żgħażagħ fl-Unjoni Ewropea taħt it-30 sena li jixtiequ jagħmlu volontarjat f'pajjiż li mhux tagħhom. L-ambitu tagħha se jkopri l-attivitajiet voluntieri, li huma distinti b'mod ċar minn impjieg, barra mill-pajjiż għal perjodu limitat ta' żmien, tipikament ta' diversi xhur, kif deskritt fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Segwitu għall-White Paper dwar Impetu Ġdid għaż-Żgħażagħ Ewropej – Għanijiet komuni proposti għal attivitajiet voluntieri fost iż-żgħażagħ b'rispons għar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 dwar il-qafas ta' kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ"[1] ta' l-2004.

Il-qagħda tal-volontarjat fost iż-żgħażagħ hija frammentata fl-Istati Membri. Tinkludi s-servizzi ċiviċi organizzati mill-awtoritajiet pubbliċi kif ukoll il-volontarjat organizzat mis-soċjetà ċivili. Fil-proposta tagħha, il-Kummissjoni tipprova tikseb soluzzjoni li tippermetti lis-sistemi eżistenti kollha tal-volontarjat li jinteraġixxu.

Qabel ġiet proposta l-inizjattiva, saru eżerċizzji kbar mal-partijiet interessati, l-organizzazzjonijiet tal-volontarjat u taż-żgħażagħ, u ma' l-Istati Membri. Ir-riżultati ta' dawn il-konsultazzjonijiet ġew ikkunsidrati fil-proposta kemm jista' jkun. Tqiesu wkoll opinjonijiet tal-Parlament Ewropew[2], tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[3], u tal-Kumitat tar-Reġjuni[4].

Filwaqt li l-għan primarju ta' l-inizjattiva proposta huwa li tissaħħaħ il-mobbiltà ta' voluntieri żgħażagħ minn pajjiż għall-ieħor, l-għanijiet speċifiċi huma li jikber l-għarfien dwar l-opportunitajiet transkonfinali ta' volontarjat għaż-żgħażagħ, jiżdiedu l-opportunitajiet ta' skambju għaż-żgħażagħ, jiġi żgurat livell raġonevoli ta' kwalità, issir promozzjoni tal-ħiliet u l-kompetenzi li jiksbu l-voluntieri żgħażagħ, il-ħaddiema żgħażagħ, b'mod partikolari, jitħeġġu jappoġġjaw il-voluntieri żgħażagħ minn pajjiżi oħra u ż-żgħażagħ b'inqas opportunitajiet jitħeġġu jagħmlu volontarjat barra minn pajjiżhom.

Il-Kummissjoni analizzat erba' għażliet sabiex tivverifika liema minnhom tikseb dawn l-għanijiet bl-aħjar mod: li jinżamm li *status quo*, li titjieb l-interoperabilità tas-sistemi eżistenti fl-Istati Membri, li jiġi estiż is-Servizz Ewropew tal-Volontarjat (EVS - European Volontary Service) jew l-armonizzazzjoni ta' l-iskemi nazzjonali ta' volontarjat għaż-żgħażagħ. Filwaqt li jekk inżommu l-i*status quo*, ma jkun hemm ebda titjib, estensjoni ta' l-EVS tkun għalja wisq, u l-armonizzazzjoni mhix permessa skond it-Trattat. Għalhekk, jibqa' biss għażla fattibbli waħda, it-titjib ta' l-interoperabilità tas-sistemi eżistenti fl-Istati Membri, u din tippermetti li jintlaħqu l-għanijiet kollha.

---

1 COM(2004) 337 finali, Brussell, tat-30 ta' Mejju 2004.
2 REGI/6/50546, 2007/2149, tal-21 ta' April 2008.
3 SOC 243, tat-13 ta' Diċembru 2006.
4 ECOS-IV-017, tas-6-7 ta' Frar 2008.

L-interoperabilità f'dan il-kuntest tfisser li s-sistemi nazzjonali tal-volontarjat jiftħu opportunitajiet għall-voluntieri minn Stati Membri oħra u jżommu l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom f'moħħhom huma u jfasslu l-attivitajiet tagħhom. Dan jista' jsir permezz ta' għarfien aħjar dwar is-sistemi nazzjonali u dwar l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, appoġġ lill-organizzazzjonijiet ospitanti fil-pajjiż, informazzjoni għaż-żgħażagħ, ħaddiema żgħażagħ u mexxejja żgħażagħ dwar l-opportunitajiet barra minn pajjiżhom, u enfasi fuq il-valur tal-kards Ewropej għall-mobbiltà taż-Żgħażagħ. Dawn l-isforzi jkunu sostnuti minn "assigurazzjoni tal-kwalità" ta' l-opportunitajiet ta' volontarjat, integrazzjoni tat-tagħlimiet fl-oqfsa nazzjonali u Ewropej tal-kwalifiki, l-użu tal-Europass u Youthpass, u l-promozzjoni ta' volontarjat trans-Ewropew taż-żgħażagħ fost dawk li jħaddmu, l-awtoritajiet, l-istituzzjonijiet, eċċ. Il-Kummissjoni tappoġġa l-użu ta' dawn l-istrumenti u se tiżviluppa aktar il-Portal Ewropew ta' Voluntieri Żgħażagħ bħala parti mill-Portal taż-Żgħażagħ eżistenti.

Biex ikun hemm l-impatt xieraq, il-forma legali proposta għal din l-għażla hija Rakkomandazzjoni. Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tinvolvi l-Istati Membri f'livell ogħla milli Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni u hija espressament prevista fil-bażi legali ta' l-Artikolu 149(4) tat-Trattat.

Għall-qasam taż-żgħażagħ dan ikun pass enormi 'l quddiem, billi din tkun l-ewwel Rakkomandazzjoni tal-Kunsill. L-ambizzjoni tal-proposta mhix li twettaq bidla radikali iżda pjuttost evoluzzjoni ta' mekkaniżmi li diġà jeżistu fl-Istati Membri. Fuq il-bażi tar-Riżoluzzjonijiet eżistenti[5] dwar il-volontarjat fost iż-żgħażagħ u r-Rakkomandazzjonijiet[6] dwar il-mobbiltà, il-mira hi li jiġu proposti rakkomandazzjonijiet operattivi għat-titjib tal-mobbiltà tal-voluntieri żgħażagħ fl-Ewropa. Ir-Rakkomandazzjoni se tkun parti mill-"Aġenda Soċjali Mġedda: Opportunitajiet, Aċċess u Solidarjetà fl-Ewropa tas-Seklu 21" ta' l-UE.

---

5 13996/04 tal-15 ta' Novembru 2004 u 14427/07 tad-19 ta' Novembru 2007.

6 2001/613/KE ta' l-10 Lulju 2001 u 2006/961/KE tat-18 ta' Diċembru 2006.